**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 15 ta' Ottubru, 2015

Rikors Guramentat numru : 91/09 AL

**A T**
**vs**

**C T**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippresentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi l-attrici u l-konvenut izzewgu fit-30 ta' Luju 1988 (Dok A);
2. Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal u cioe' D li twieldet fis-7 ta' Awissu 1991 u P li twieldet fit-28 ta' Frar 1997 (Dok B u Dok C);
3. Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti m'ghadhiex aktar possibbli minhabba eccessi, sevizzi, ingurji gravi u theddid da parti tal-konvenut, oltre li jirrizulta ukoll li hemm inkompatibilita ta' karattru bejn il-partijiet sabiex b'hekk il-

hajja matrimonjali bejn il-partijiet illum ma ghadhiex aktar possibbli;

4. Illi l-esponenti tirrileva illi l-inkwiet matrimonjali ilu gej sakemm dan l-ahhar sar impossibbli ghaliha li tkompli tghix f'din is-sitwazzjoni u fil-fatt kellha thalli d-dar matrimonjali u dan minhabba l-konflitti gjornaljieri li hija kienet ghaddejja minnhom minhabba l-attitudni negattivi u aggressiva ta' zewgha l-konvenut. Fid-dettal, ghandu jirrizulta illi zewgha l-konvenut huwa bniedem ghajjur hafna u li kienet din l-ghira mhux kontrollata, fost affarijiet ohra, li waslet lill-partijiet fejn jinsabu illum;
5. Illi t-tentattivi sabiex issir firda konsenswali fallew u dan minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenut fosthom nuqqas ta' ko-operazzjoni;
6. Illi l-attrici giet debitament awtorizzata li tipprezenta din l-istanza permezz ta' digriet f'dan is-sens moghti minn dina il-Qorti (Dok D);

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara u tippronunzja id-divorzju bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut u ghall-finijiet tal-artikolu 48(c) tal-Kodici Civili (Kap. 16) tistabilixxi d-data meta l-istess konvenut ghandu jkun kunsidrat li minnha kien hati tal-firda;
2. Tawtorizza lill-attrici illi tghix separata mill-konvenut zewgha;
3. Tordna illi l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri tal-kontendenti fuq imsemmija tigi fdata lill-attrici salv l-access tal-konvenut fil-granet u il-hinijiet u taht il-modalitajiet stabbiliti appozitament mill-Qorti;
4. Tapplika kontra l-konvenut interament jew in parti, id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 48 tal-Kodici Civili (Kap. 16);
5. TikkundA lill-konvenut sabiex jhallas lill-attrici martu, ghaliha u ghall-uliedhom minuri, dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata illi tigi ffissata mill-istess Qorti, skont il-mezzi tal-konvenut u l-bzonnijiet ta' l-attrici u uliedha, pagabbli mill-konvenut lill-istess attrici martu fil-gimgha u/jew kull erba' (4) gimghat kif ordnat minn din il-Qorti. Jekk il-Qorti jidhrilha li jkun aktar xieraq, hija ghandha

tordna lill-konvenut sabiex jhallasha, minflok dak il-manteniment kollu jew parti minnu, somma globabi li fil-fehma tal-Qorti tkun bizzejjed sabiex l-attrici tkun finanzjarjament indipendenti jew anqas dipendenti mill-konvenut. F'kaz li l-Qorti tordna li l-konvenut ghandu jibda jithallas manteniment kull gimgha jew erba (4) gimghat, hija gentilment mitluba tordna lill-konvenut sabiex jibda jhallas dan il-manteniment permezz ta' standing order jew inkella li dan il-manteniment jibda jinqata direttament mill-paga dovuta lill-istess konvenut minghand id-datur tax-xoghol tieghu. Dan il-manteniment hekk ordnat ghandu jigi inkrementat perjodikament sabiex jaghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja;

6. TikkundA lill-konvenut jikkonsenja lill-attrici l-beni kollha dotali u parafernali taghha u separatament tordna illi l-attrici tigi moghtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha;
7. Tillikwida l-krediti parafernali ossija pekuljari tal-attrici u tikkwalifika l-istess bhala krediti tal-istess attrici kontra l-komunjoni tal-akkwisti tal-kontendenti;
8. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni u tordna li l-istess oggetti formanti l-komunjoni ta' l-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn dina l-Qorti in vista, inter alia, tad-dati tal-akkwist tad-diversi oggetti formanti l-istess komunjoni u tad-data stabbilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-istess konvenut ghandu jkun kunsidrat li minnha kien hati tal-firda, liema porzjonijiet ghandhom jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut billi, okkorrendo ghall-finijiet ta' din it-talba, jigi nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta' divizjoni, nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirrapprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att;
9. Tordna li d-dar taz-zwieg tigi okkupata mill-attrici bl-eskluzzjoni tal-konvenut;
10. Tawtorizza lill-attrici illi tirregistra ossija tnizzel fir-registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn dina l-Qorti;

Bl-ispejjez, komprizi dawk inkorsi fil-proceduri ta' medjazzjoni kontra l-konvenut illi huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici ;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut, li in forza taghha eccepixxa :

1. Illi fl-ewwel lok, l-intimat jirrileva illi huwa ghamel minn kollox sabiex isalva z-zwieg tieghu, u b'hekk ma jitkissirx, u dan peress illi ma jara ebda raguni valida sabiex ikun hemm firda personali bejniethom. Fil-fatt, huwa qatt ma qabel illi huwa u l-attrici jisseparaw minn xulxin;
2. Illi ghalhekk huwa jichad u jirrispingi l-allegazzjonijiet ta' martu l-attrici, illi huwa kien hati ta' eccessi, sevizzi, ingurji gravi, u theddid fil-konfront taghha, u dan kif se jirrizulta ahjar mill-provi prodotti waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
3. Illi a rigward tat-tielet talba ta' l-attrici esponenti, l-intimat jinsisti illi l-kura u l-kustodja ta' uliedhom minuri D u P, ghandha tkun wahda kongunta bejn il-partijiet, u dan peress illi ma jezistu ebda ragunijiet validi ai termini tal-ligi, sabiex il-kura u l-kustodja taghhom tkun vestita fir-rikorrenti attrici biss. Inoltre, l-minuri P ilha tghix ma' l-intimat minn meta huma sseparaw de facto;
4. Illi kienet ghalhekk l-attrici stess, illi minghajr ebda raguni valida, kontemplata fil-ligi, qabdet u telqet mid-dar matrimonjali flimkien ma binthom D, u ghalhekk tilfet kwalunkwe dritt spettanti lilha skont il-ligi, inkluz dak li tinghata d-dritt li tibqa tghix fid-dar matrimonjali ghad-eskluzzjoni ta' l-intimat;
5. Illi a rigward tat-talba, tar-rikorrenti attrici, enumerata 5, ghal manteniment taghha, jigi umilment rilevat illi dan mhux dovut, u dan peress illi l-attrici ghandha introjtu u fil-fatt tahdem full-time bhala supervisor gewwa Bank Lokali;
6. Illi a rigward tat-talba ta' l-esponenti attrici ghal manteniment ta' uliedhom minuri P u D, l-esponenti jirrileva illi dan mhux dovut. A rigward tal-minuri P, jigi umilment rilevat illi din tabita ma l-intimat stess, u ghalhekk ebda manteniment m'ghandu jkun dovut lejn ir-rikorrenti attrici. Il-minuri D tkun maggorenni fis-seba (7)

ta' Awissu li gej, ossia tas-sena elfejn u disgha (2009) u ghalhekk ebda manteniment ma jkun dovut;

7. Illi l-intimat jaqbel illi l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejniethom tigi xolta u likwidata okkorrendo bin-nomina ta' periti nominandi, pero' ghar-ragunijiet premessi, ghandha tigi diviza f'porzjonijiet ugwali bejniethom skont il-ligi. Hemm ukoll qbil illi l-attrici tigi kkonsenjata l-effetti personali parafernali, li huma proprjeta ta' l-attrici rikorrenti. Infatti, dan id-dritt qatt ma gie michdu lilha. Inoltre, ghandha tigi rigettata t-talba ta' l-attrici li jigu komminati kontra l-konvenut d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 48 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) fil-konfront ta' l-eccipjenti, billi l-htija tal-firda mitluba hija htija ta' l-attrici u mhux ta' l-eccipjenti;
8. Illi b'referenza ghad-disgha talba, stante li t-tort tal-firda huwa unikament ta' l-attrici, li kienet hija stess li vvakat id-dar matrimonjali minghajr ebda raguni valida, t-talba kif dedotta ghall-izgumbrament ta' l-eccipjenti ghandha tigi michuda, u tkun l-istess attrici li ghandha tigi ordnata tivvaka d-dar matrimonjali;
9. Illi ghalhekk, l-esponent intimat umilment jirrileva illi m'ghandhomx ikunu applikati s-sanzjonijiet ravvizati fl-Artikoli tmienja u erbghin (48) tal-Kodici Civili kif qed titlob l-attrici;
10. Illi l-intimat jaf il-fatti kontenuti f'dan ir-rikors di xjenzia propria;
11. Salv eccezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-kaz;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat il-kontro-talba tal-konvenut, li permezz taghha ippremetta :

Ilil huwa qieghed jiprevalixxi ruhu mill-atti tar-rikors guramentat ta' l-attrici sabiex iressaq il-kontro-talba tieghu skont il-ligi;

Illi l-partijiet izzewgu fit-30 ta' Lulju 1998, u minn dan iz-zwieg twieldu zewg ulied bniet P li twiledet fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Frar, tas-sena elf disa mija disa' u sebghin (1997) u D li twieldet fis-seba (7) ta' Awissu tas-sena elf, disa' mija u wiehed u disghin (1991);

Illi z-zwieg tal-partijiet tkisser irremedjabilment b'tort ta' l-attrici, minhabba mohqrija, theddid u offizi gravi kommessi mill-attrici fil-konfront tieghu;

Illi l-esponenti ghamel kwalsiasi tentattiv sabiex jsalva z-zwieg tieghu, liema tentattivi sfaxxaw fix-xejn, minhabba l-attitudni ta' l-attrici;

Illi l-attrici sahansitra arbitrarjament u minghajr ebda raguni valida abbandunat id-dar matrimonjali;

Illi l-esponenti jaf personalment b'dawn il-fatti hawn esposti;

Talab li l-attrici rikonvenzjonata tghid ghar-ragunijiet premessi ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, u dan unikament minhabba tortijiet u htija attribwibbli lill-attrici;
2. Tordna li l-kura u l-kustodja ta' l-ulied minuri P u D, tigi fdata konguntivament f'idejn il-partijiet, b'dan illi P tibqa tabita ma' l-eccipjenti bi dritt ta' access favur l-attrici rikonvenzjonata;
3. TikkundA lill-attrici thallas lill-intimat manteniment inkluz l-arretrati, minn meta hija ddecidiet li tivvaka d-dar matrimonjali, favur il-minuri P, liema manteniment ghandu, jigi stabbilit minn din il-Qorti, bil-modalita ta' hin, lok u gurnata li tigi wkoll stabbilita;
4. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tillikwida u tiddifidijha b'mod li tapplika kontra l-attrici d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 48 u/jew 51 sa 55 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta);
5. Tordna illi l-attrici tibqa' tabita barra d-dar matrimonjali, u cioe 102, Papillion, Triq il-Kartaginizi, Birzebbuga, u li l-istess dar tibqa abitata mill-esponenti flimkien mal-wild minuri; alternattivament l-istess fond jinqasam, taht id-direzzjoni ta' Perit Arkitett, sabiex b'hekk il-fond ma jinbieghx u l-partijiet jibqghu t-tnejn jabitaw fil-fond hekk maqsum;

Bl-ispejjez kontra l-attrici, li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut rikonvenzjonanti ;

Rat ir-risposta guramentata tal-attrici rikonvenzjonata, li permezz taghha eccepiet :

1. Illi l-ewwel talba tal-konvenut u cioe li tigi dikjarata l-firda personali bejn il-kontendenti konjugi T ma hijiex kontestata. Qeghda pero tigi kkontestata l-kumplament tat-talba u cioe li hija u cioe l-attrici ghadha ghal x'hiex tahti ghal din il-firda. It-tort huwa biss tal-konvenut u dan kif diga gie sostnut fir-rikors mahluf taghha;
2. Ghar-rigward tat-tieni talba u cioe dik dwar il-kura u l-kustodja tal-minuri P u D, din illum il-gurnata hija maqsuma ugwalment bejn il-partijiet kontendenti konjugi T u dan fis-sens illi l-minuri D tghix ma l-attrici filwaqt li l-minuri P tghix mal-konvenut. Minkejja dan l-arrangament de facto u li sar bla ebda qbil, izda sforz ic-cirkostanzi li sabet ruhha fihom l-attrici, l-attrici hija tal-fehma li jkun fl-ahjar interess tal-minuri li jittrabbew flimkien. Dan anke ghal ben essere ta' l-istess minuri. Illi ghalhekk din it-talba fl-interess tal-minuri ghandha tigi michuda;
3. Illi t-tielet talba ukoll ghandha tigi michuda u dan peress li l-ebda manteniment ma huwa dovut la bhala manteniment attwali u lanqas bhala arretrati. L-attrici kellha titlaq mid-dar matrimonjali mhux ghax riedet imma il-ghaliex hija bezghet ghal inkolumita taghha, oltre li d-dar matrimonjali ma kienitx iktar konducenti ghat-trobbija felici tal-minuri. Dan fis-sens illi ghal kull haga ta' xejn, zewgha l-konvenut kien jibda jaqbad maghha, u sahansitra kien jispicca jkun vjolenti maghha. F'dawn ic-cirkostanzi l-attrici hasset li kien iktar ahjar li hija titlaq mid-dar matrimonjali. Sadanitant, hija hadet u ghadha tiehu hsieb il-bzonnijiet kollha ta' D, filwaqt li l-konvenut qieghed jiehu hsieb il-bzonnijiet kollha ta' P. Dan l-istat ta' fatt gie accettat mill-partijiet. Oltre dan, meta P tkun ma ommha l-attrici, din ta' l-ahhar ukoll tiehu hsieb il-bzonnijiet taghha kollha;

4. Illi hija taqbel mar-raba talba tal-konvenut ghax-xoljiment tal-komunjoni ta'  l-akkwisti b'dan illi l-istess komunjoni ghandha tigi likwidata f'zewg prozjonijiet ugwali u kull parti ghandha tircievi s-sehem taghha;
5. Illi dwar il-hames u l-ahhar talba, l-esponenti topponi bil-qawwa kollha li dan issehh u dan il-ghaliex jekk din it-talba tintlaqa, allura jkun qieghed jigi ippremjat l-aggressur u l-vittma tkompoli ssofri.  L-attrici kellha titlaq mid-dar matrimonjali minhabba li hija ma setghatx tkompli tghix fil-glied kontinwu tad-dar, kif lanqas ma riedet tkompli tassoggetta lil uliedhom ghax-xenati kontinwi u isterici li kien qieghed johloq il-konvenut ghal xejn b'xejn. Kien ghalhekk li hija flimkien ma D telqet mid-dar u mhux b'xi kapricc.  Dwar it-talba tal-konvenut li d-dar tinqasam, jinghad li din ma hijiex komodament divizibbli u konsegwentement ma tistax tinqasam kif qieghed jigi suggerit mill-konvenut.  Oltre dan, zgur li ma huwiex konducenti ghal partijiet li l-proprjeta taghhom tigi diviza, anke jekk ghal grazzja ta' l-argument biss dan jista jsehh, u dan l-ghaliex huma ser jibqghu jghixu hdejn xulxin u l-problemi minflok jonqsu jizdiedu jistghu.  Di piu, l-prezz li jista jingieb ghal fond fl-intier tieghu huwa ferm iktar gholi milli jista jgib dan il-fond jekk jinqasam fi tnejn.  Ghalhekk ukoll din it-talba ghandha tigi michuda.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici rikonvenzjonata;

Semghet lix-xhieda illi tressqu ;
Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment ;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici ;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum ;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti ghandha quddiemha kawza ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet relatat maz-zwieg li sehh nhar it-30 ta' Lulju 1988[1]. Min-naha tieghu l-intimat jaqbel li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment pero' jsostni li dan sehh ghal ragunijiet li huma imputabbli lir-rikorrenti b'dan li l-istess intimat iressaq il-kontro-talba tieghu.

**VERZJONI RIKORRENTI**

Permezz tal-affidavit taghha[2] l-attrici tispjega li matul l-ghoxrin (20) sena zwieg li kellhom, zewgha kellu nuqqas ta' fiducja fiha. Tant hu hekk li biex tohrog kien ikollha tohrog mieghu jew ma' xi membru tal-familja. Meta kienet tghidlu li tixtieq tohrog ma' shabha tax-xoghol kien jinfexx f'tghajjir u kien jghidilha li ma kellhiex ghalfejn tohrog ma' shabha ghaliex hu kellu flus bizzejjed biex johrogha. Meta rari kien ihalliha tmur, kien jew isakkarha barra jew inkella johloq argument hekk kif tidhol lura d-dar. Kienet spiccat ma tistax tmur l-attivitajiet tal-bank fejn tahdem u kienet tisthi tghid li zewgha ma jhallihiex.

Tirrakkonta kif meta l-intimat kien idoqq f'bar f'Birzebbugia kienu ghamlu hbieb ma' erbat (4) irgiel ta' nazzjonalita' barranija. Meta kienet waslet il-mawra li ppjanaw mas-sidien tal-istess bar, l-attrici u zewgha infurmaw lil dawn l-irgiel li l-bar kien ser ikun maghluq ghaz-zmien tal-istess btala. Kien f'dan il-kuntest li l-attrici ma hasbitha xejn biex taghti n-numru tat-telefon lil wiehed minnhom. Meta waqt il-btala rceviet messagg minghandu li kien jaqra 'ciao bella come stai? Mi manchi tanto' l-attrici hadet qatgha u ghalqet il-mobile malajr. Zewgha staqsiha min kien bghatilha messagg u qaltlu mill-ewwel ghaliex ma kellha xejn x'tahbi, izda kompla zdied l-inkwiet ta' bejniethom. Minflok ma bghatlu messagg biex jieqaf, kompla jirrispondih taparsi kienet martu li qed tirrispondi b'dan li hassitha offiza mmens ghaliex hi dejjem kienet fidila lejn zewgha. Wara dan l-episodju kkancellalha l-kuntatti kollha minn fuq il-*mobile* (hlief ta' dawk li kien jaf hu personali),

[1] Ara c-certifikat taz-zwieg esebit a fol 10 tal-process

[2] Esebit a fol 127 tal-process

qalalha s-*sim card* u halliha gimgha minghajru. Kien jaghmillha xenata wara l-ohra u kien igieghlha thossha qisha tifla zghira. Tirrakkonta wkoll li l-glied ta' bejniethom ma naqasx tant li darba minnhom kien se jhebb ghaliha u zammewh xi rgiel.

Hasbet li l-episodju tal-messagg kien ghadda u mar izda l-intimat baqa' jsegwi l-passi taghha, anke jekk tkellem lil xi hadd jew sempliciment tmur sal-kamra tal-banju. Ma riedha tmur imkien, lanqas tixtri minghand l-istess nies. Kien izommilha l-hin u jmur warajha b'xi skuza. Tghid li meta kienu jiggieldu u kienet taqbizlu kienet titwerwer. Kien jaqtalha anke l-linja tat-telefon biex ma tkun tista' ccempel lil hadd ghalkemm darba rnexxielha ccempel lil missieru u x'hin missieru sab il-*missed call* cempel lura u x'hin semaghha tghajjat mar ghandhom u spicca jferraqhom. Kien sahansitra jsakkarha u jsakkar il-bejt biex zgur ma tkun tista' tghajjat ghall-ghajnuna ta' hadd. Tirrakkonta li wliedhom kienu dejjem ikunu imwerwrin meta jiggieldu b'dan li wahda minnhom kienet sahansitra tahbi l-*mobile* biex missierha ma jsibux u gieli rnexxielha ccempel lin-nannu matern taghha minn wara dahar missierha. Tali sitwazzjoni damet ghaddejja madwar seba' (7) xhur shah. Tispjega li wara glieda ohra (wara li qaltlu li riedet titlaq u qallha '*over my dead body titlaq minn hawn int*' spiccaw gew il-Pulizija u telqet mid-dar flimkien ma' wahda mill-ulied peress li ried izomm lill-ohra mieghu. Wara erbat (4) ijiem regghet marret lura d-dar anke ghaliex kienu kkonvincewha l-genituri taghha biex tirranga l-affarijiet u ghaliex kien deher li kien iddispjacih. Wara biss tliet (3) ijiem, rega' nqala' argument kbir b'dan li regghu gew il-Pulizija u din id-darba telqet mid-dar u ma regghetx marret lura.

X'hin telqet mid-dar beda jsegwiha b'dan li kien hemm anke episodju fejn saq ghal fuqha, ommha u wahda mill-ulied). Tghid li ttiehdu passi kriminali kontra l-intimat fejn kien hemm incidenti li waqghu preskritti pero' kien hemm incident iehor fejn l-intimat instab hati li bezzaghha li kienet ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-persuna taghha[3]. Tghid ukoll li

[3] Ara Dok. TA2 li huwa kopja tas-sentenza relattiva kontra l-intimat esebita a fol 136 tal-process

zewgha kien ibati mid-dwejjaq u n-nervi b'dan li gie ordnat jiehu xi kalmanti izda dawn qatt ma hadhom ghaliex kien jghid li m'ghandux bzonnhom. Taghlaq l-affidavit taghha billi taghmel rendikont ta' x'jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti u tal-pretensjonijiet taghha b'dan li tesebixxi wkoll kopja ta' ittra ufficcjali li ntbaghtet lilha u lil zewgha da parti tal-Bank of Valletta dwar dejn fl-ammont ta' dsatax –il elf, hames mija u tmienja u tletin Euro u disgha u erbghin centezmu (€19,538.49)[4].

## Il-VERZJONI TAL-INTIMAT

Permezz tax-xiehda tieghu in subizzjoni[5], l-intimat jikkonferma li kellu f'ismu vettura tat-tip Escort u li bieghha lil terz ghall-prezz ta' mitejn Euro (€200).

Imbaghad, permezz tax-xiehda tieghu[6] jiddikjara li prezentement, fid-dar matrimonjali jghixu hu u binthom P filwaqt li binthom il-kbira tghix ma' ommha. Jiddikjara li ma jircievi ebda manteniment minghand martu rigward il-wild P. Jemmen li z-zwieg taghhom beda jitkisser wara l-messagg li rcieviet il-mara tieghu waqt btala gewwa Sqallija minghand certu J. Jghid li kien sab lil martu bil-*mobile* f'idejha darbtejn tibghat il-messaggi b'dan li kull darba li jmur hdejha titfa' l-*mobile* gol-but. Meta dahal warajha fil-kamra tas-sodda hadilha l-*mobile* u seta' jaqra l-messagg li kien jghid 'ciao bella I miss you very much. I want to kiss you and hug you when you come back to Malta'. Jghid li bdew jghajjtu, l-attrici tatu daqqa fuq wiccu u l-koppji l-ohrajn ferrquhom ghaliex hasbu li kienu gejjin fl-idejn. Ikompli jzid jghid li l-*mobile* ta' martu baqa' f'idejh u ghalhekk baqa' jibghat il-messaggi daqs li kieku kienet qed tibghathom martu peress li dak il-hin kien qed jaghmilha ta' CID. Izid jghid li wara dan, bejnu u martu tranga kollox ghaliex assiguratu li kien hu li kien qed jittantaha u mhux bil-kontra.

---

[4] Ara Dok. TA1 esebit a fol 133 tal-process

[5] Ara seduta mizmuma nhar it-22 ta' April 2010 quddiem l-Assitent Gudizzjarju a fol 66 tal-process

[6] Datata t-22 ta' April 2013 esebita a fol 190 tal-process

Jispjega wkoll li ghalkemm kien hafer lil dan ir-Rumen tal-messagg li kien baghat lil martu, ma riedhiex tkellmu aktar (u lil shabu) peress li kien talbu jekk kienx hemm '*women to fu***' fil-bar fejn kien ikun l-intimat u ghalhekk iddecieda li dawn kienu kollha ta' pezza wahda. Jghid li martu ma riditx tnizzilha li ma tkellimhomx izda hu baqa' jinsisti li ma tkellimhomx peress li kienet ser ifarrkulu familja. Mhux talli hekk, talli l-attrici kienet taharqu billi toqghod tkellimhom u xxejrilhom u konsegwentement l-argumenti ta' bejniethom kibru u bdew isiru aktar frekwenti. Jirrakkonta wkoll li darba fost l-ohrajn sab lil dan J b'idejh imdawwra mal-mara tieghu. Martu qaltlu li dan ma kienx tort taghha ghaliex kien hu li qabadha. Jaghlaq billi jghid li dan l-incident sehh fi Frar filwaqt li martu telqet mid-dar f'Mejju tal-istess sena.

Permezz tax-xiehda tieghu tat-13 ta' JAr 2014[7] l-intimat jispjega li kien sakkar lil martu fil-gallarija ghaliex hi riedet taghmel *show* filwaqt li hu ha l-opportunita' biex jara x'kellha fil-*mobile*. Jikkonferma li kisser *mobile* wiehed biss li kien tal-attrici pero' jispecifika li s-*sim card* kienet tieghu peress li kienet registrata f'ismu. Jghid li hu qatt ma raha imkien ma' dan J pero' jsemmi nies li rawha. Rigward l-incident li ssemmi omm l-attrici fejn tallega li saq ghal fuqhom, l-intimat jichad billi jghid li saq ghal hdejhom imma mhux ghal fuqhom. Dwar il-fatt li ma hax il-medicina li tah it-tabib jispjega li ma hassx li kellu bzonnhom u li hu mhux mignun ghaliex kieku ma jhalluhx jaghmel ix-xoghol ta' responsabbilita' li ghandu. Jispjega wkoll li t-tabib li tah tali medicina ma kienx jaf il-*history* tieghu u ma kienx jaf min xhiex kien ghaddej u kemm kien ta sapport ghal martu meta kienet marida.

## IL-PROVI MIGBURA QUDDIEM DIN IL-QORTI

Il-Qorti taghmel referenza ghan-nota guramentata tal-attrici[8] u li permezz taghha tikkontendi li r-responsabbilita' ghat-tifrik taz-zwieg ghandha tinghata lill-intimat abbazi tal-ossessjoni

[7] Ara a fol 219 tal-process

[8] Esebita a fol 28 tal-process

tieghu fuq martu u n-nuqqas ta' fiducja li kellu fiha, kif ukoll minhabba eccessi, sevizzi, ingurji gravi, theddid u glied li gieli skala ghal incidenti fizici. Issemmi l-kwistjoni tal-kura u l-kustodja tal-minuri li kif ser jinghad aktar 'il quddiem, il-kwistjoni issa *ormai* survolata kif ukoll il-kwistjoni ta' manteniment fejn tiddikjara li z-zewg partijiet jahdmu fuq bazi *full-time*. Dwar il-komunjoni tal-akkwisti, tiddikjara li hemm id-dar matrimonjali bl-isem 'Papillon', 102, Triq il-Kartaginizi Birzebbugia flimkien mal-mobbli li hemm fiha u l-apparat fotografiku li juza l-intimat, zewg vetturi, kontijiet bankarji u zewg poloz ta' assigurazzjoni fuq il-hajja u kreditu mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Tghid ukoll li hemm dejn mal-bank fuq xi vetturi.

Issir referenza ghax-xiehda ta' Robert Sammut in rapprezentanza tal-Borza ta' Malta[9] fejn jikkonferma li minn ricerka fuq l-intimat ma nstab xejn, ix-xiehda ta' Jennifer Debono in rapprezentanza tal-ETC li tesebixxi l-*employment history* tal-partijiet[10], ix-xiehda ta' Dr. Alexia Albani in rapprezentanza tal-Bank of Valletta li tesebixxi numru ta' dokumenti dwar kontijiet kemm f'isem l-intimat wahdu kif ukoll b'mod kongunt mal-attrici[11], ix-xiehda ta' Joseph Borg Cardona in rapprezentanza ta' Bank of Valletta plc li xehed dwar *credit cards* f'isem il-partijiet[12], ix-xiehda ta' Brian Farrugia in rapprezentanza tal-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta li jixhed li f'isem l-intimat hemm erba' (4) vetturi u jipprezenta wkoll dokument relattiv ghall-paga li jircievi l-intimat mill-istess Awtorita'[13]. Sussegwentement permezz ta' xiehda ulterjuri jikkonferma wkoll li l-intimat kellu vettura tat-tip Ford Escort u dan sat-22 ta' Settembru 2009[14]

---

[9] Ara a fol 43 tal-process

[10] Ara a fol 51 – 58 tal-process

[11] Ara Dok. BOV1 – BOV 24 esebiti waqt is-seduta tas-26 ta' JAr 2010 a fol 43 tal-process

[12] Ara Dok. BOV25 – BOV28 esebiti waqt is-seduta tal-10 ta' Marzu 2010 a fol 61 tal-process

[13] Ara Dok. TM6 esebit waqt is-seduta tat-22 ta' April 2010 a fol 66 tal-process

[14] Ara s-seduta tal-24 ta' Gunju 2010 esebita a fol 99 tal-process

Tixhed ukoll l-Spettur Priscilla Caruana li tesebixxi r-rapporti kollha li saru fil-konfront tal-intimat[15]. Permezz tal-affidavit taghha[16], Josephine Camenzuli tghid li saret taf lill-partijiet f'bar gewwa Birzebbugia. Tiddiskrivi lill-partijiet bhala koppja riservata pero' kienet tarhom mghannqin u dejjem gid rat minghandhom. Tispjega li waqt btala gewwa Sqallija, l-partijiet gew fl-idejn fuq xi messagg li kienet irceviet l-attrici u li l-intimat ma hax pjacir bih. Tispjega li wara dan l-incident kollox gie lura ghan-normal b'dan li kienet tara lill-partijiet gewwa l-bar f'Birzebbugia izda wara ftit semghet li kienu ser jisseparaw. Tispjega wkoll li l-intimat mar jibki ghandha u talabha biex tirranghom u min-naha taghha, wieghditu li ser tipprova. Fil-fatt pruvat pero' l-attrici ma riditix taf ghaliex qalet li hi biss taf minn x'hiex kienet ghaddejja.
Tixhed ukoll Y O[17] li tghid li taf lill-partijiet ghaliex kienu jiffrekwentaw il-hanut taghha 'Sailing Club'. Tghid ukoll li hi u zewgha kienu siefru mal-partijiet u tispjega li waqt din il-btala l-attrici rceviet messagg fuq it-telefon taghha minghand certu J li kien jiffrekwenta l-hanut ukoll. Tghid li l-intimat ma hax pjacir b'dan il-messagg u beda jghajjat maghha u jipprova jihdilha t-telefon minn idejha biex jara x'kien kiteb dan J. Tghid li ma rat xejn fis-sens li ma rat ebda glied fiziku bejniethom u li l-attrici talbet lir-ragel tax-xhud biex jghid lil J biex ihalliha kwieta biex ma jharbtilhiex vakanza. Izzid tghid ukoll li l-attrici, wara dan l-episodju baqghet bit-tikketta mal-intimat u li ma rieditx taf aktar bih filwaqt li l-intimat kien jibki maghha fuq martu u kien jitlobha biex tirranghom.

Jixhed K O[18], ir-ragel ta' Y O li jikkonferma x-xiehda ta' martu u jzid jghid li wara l-btala kien laqqa' lill-partijiet flimkien ma' J

---

[15] Ara Dok. PUL1 – PUL5 esebiti waqt is-seduta tal-15 ta' Gunju 2010

[16] Ara Dok. JC1 esebit a fol 104 tal-process

[17] Ara x-xhieda taghha quddiem l-Assistent Gudizzjarju waqt is-seduta tal-24 ta' Gunju 2010 a fol 100 tal-process

[18] Ara x-xiehda tieghu quddiem l-Assistent Gudizzjarju waqt is-seduta tad-29 ta' Settembru 2010 a fol 106 tal-process

b'dan tal-ahhar jikkonferma li li kieku martu rceviet messagg bhal dak li kien bghatilha hu, zgur li ma kienx jibqa' kalm kif kien baqa' l-intimat. Jghid ukoll li waqt il-gita fi Sqallija kienet l-attrici li refghet idejha fuq wicc l-intimat. Jghid ukoll li ra xi messaggi li dan J kien bghat lill-attrici pero' ma jafx il-kontenut taghhom.

Omm l-attrici u cioe' Antonia Francalanza[19], permezz tal-affidavit taghha tghid li ma kienitx taf li bejn bintha u r-ragel taghha kien hemm l-inkwiet. Saret taf b'dan ftit qabel ma l-attrici telqet mid-dar matrimonjali u marret tghix ghandhom ghal xi zmien. Kien biss meta l-attrici fethet qalbha m'ommha li saret taf b'dak kollu li kien ghaddej f'hajjitha. Tirrakkonta episodju fejn bintha kienet telqet mid-dar mara glieda mal-intimat imma sforz l-insistenza tieghu u ghax hasbet li kien iddispjacih, ikkonvinciet lil bintha tmur lura d-dar. Izda xi granet wara regghet cemplet wahda mill-ulied u talbitha biex tmur ghandhom peress li l-genituri taghha kienu qed jiggieldu. Kien hemm bzonn tal-intervent tal-Pulizija wkoll ghaliex l-intimat kien aggressiv, anke fil-konfront tax-xhud stess. Issemmi episodju wkoll fejn l-intimat saq ghal fuqha, l-attrici u binthom waqt li kien qed jghajjar lil bintha u tikkonferma li rat tbengil fuq idejn bintha li kienu rizultat tal-fatt li zewgha kien jaghfsilha jdejha waqt xi argument. Tispjega li kien hemm zmien fejn l-intimat kien juza wahda mill-ulied biex iwegga' lir-rikorrenti pero' llum il-gurnata din is-sitwazzjoni trangat b'dan li l-istess rikorrenti u z-zewg uliedha jqattghu hin tajjeb flimkien.

Permezz tal-affidavit tieghu Anthony Francalanza[20] jghid li staqsa lil bintu ghaliex qatt ma wriethom xejn dwar l-inkwiet li kellha mar-ragel u din qalet li ma riditx tinkwethom peress li huma anzjani. Jikkonferma l-episodju fejn bintu telqet mid-dar l-ewwel darba u li marret lura ghaliex hasbu li l-intimat kien iddispjacih u jikkonferma wkoll l-episodju ta' wara fejn l-attrici telqet mid-dar b'mod permanenti, anke fuq parir tal-Pulizija. Isemmi episodju iehor fejn l-intimat kien agressiv mieghu

[19] Ara a fol 116 tal-process

[20] Ara a fol 118 tal-process

ghaliex mar biex jahbat ghalih imma mbaghad l-intimat skuza ruhu permezz ta' kartolina[21]. Jirrakkonta wkoll episodju fejn l-intimat mar ghandhom u ha mieghu zewg bukketti fjuri u cioe' wiehed ghal martu u l-iehor ghall-kunjata tieghu filwaqt li lix-xhud hadlu flimkun xorb izda tali zjara spiccat hazin ghaliex il-partijiet bdew jargumentaw b'dan li l-attrici marret tistahba fil-kamra tal-banju. L-intimat prova jidhol warajha u kien f'dan il-mument li x-xhud qallu biex johrog 'il barra mid-dar tieghu. Jghid li meta l-intimat irrealizza li martu ma riditx tirranga beda sensiela ta' nkejja u beda juza t-tifla z-zghira kif ukoll heba l-vettura taghha f'garaxx biex l-attrici ma jkollhiex access ghaliha. Jemmen li l-intimat ma jridx jinfired bil-kwiet ghaliex irid lill-attrici '*at all costs*' izda bintu issa kuntenta u serena u ma tridx tmur lura.

Issir referenza wkoll ghall-ittra indirizzata lill-assistent gudizzjarju Dr. Nadia Vella[22] u li permezz taghha gie kkonfermat li l-intimat kien gie trattat da parti tal-GP Group Limited darba biss u dan mit-tabib Dr. Andrew Baldacchino ghal raguni ta' *anxiety state*.

## DWAR IT-TALBA GHALL-HALL TAZ-ZWIEG

L-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jelenka r-rekwiziti ghall-ottjeniment ta' divorzju u cioe', din il-Qorti trid tkun sodisfatta li:

***(a)*"*Fid-data li jibdew il-proceduri ta' divorzju, il-mizzewgin ikunu ghexu mhux flimkien ghal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw ghal, mill-inqas erba' snin matul il-hames snin minnufih precedenti, jew ikunu ghaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b)Ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-mizzewgin; u***

---

[21] Ara a fol 121 tal-process

[22] Esebit a fol 153 tal-process

***(c)Il-mizzewgin u kull wild taghhom qed jircievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont ic-cirkustanzi partikolari taghhom, kif hemm mahsub fl-Artikolu 57..”***

Il-Qorti tirrileva li mix-xiehda tal-attrici[23] jirrizulta b’mod car li l-partijiet ilhom jghixu separatament sa’ minn Mejju 2008 u ghalhekk il-perjodu ta’ erba’ (4) li tesigi l-ligi gie sodisfatt. Il-fatt li l-istess partijiet ghadhom ghaddejjin b’tali proceduri, liema proceduri ilhom ghaddejjin mis-sena 2009 juri li m’hemm ebda prospett ta’ rikonciljazzjoni bejn l-istess partijiet kif wara kollox jirrizulta wkoll mix-xiehda tal-attrici. *Stante* li m’hemm ebda talba ta’ manteniment da parti tal-attrici u *stante* li l-intimat jahdem fuq bazi *full-time* u konsegwentement m’hemm ebda kwistjoni ta’ manteniment bejniethom, allura jirrizulta li m’hemm ebda raguni valida ghaliex t-talba ghall-hall taz-zwieg m’ghandhiex tigi milqugha.

## DWAR IR-RESPONSABBILITA’ TAZ-ZWIEG

Il-Qorti wara li rat il-provi kollha esebiti, hija konvinta sal-grad rikjest mill-ligi li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irremedjabbilment u konsegwentement hemm lok ghall-pronunzja ghas-separazzjoni personali bejn il-partijiet. L-attrici tghid li z-zwieg tkisser minhabba l-karattru tal-intimat, l-ghira u l-ossessjoni tieghu kif ukoll minhabba incidenti li kienu ta’ certu agressivita’. Mix-xhieda prodotti, s-sentenza kriminali li inghatat kontra l-intimat u specjalment mix-xiehda tal-intimat stess fejn per ezempju jichad li mhux minnu li f’episodju minnhom kien saq fuq martu, bintu u l-kunjata taghhom izda saq ghal hdejnhom l-Qorti hija konvinta sal-grad rikjest mill-ligi li l-intimat irrenda ruhu hati ta’ offizi gravi fil-konfront ta’ martu u zgur li kkagunalha biza’ li ser tintuza xi forma ta’ vjolenza fil-konfront taghha. Zgur li ma tistax tinghata kredibilita’ l-verzjoni tieghu meta jghid li saq biss ghal hdejhom meta fil-verita’ kien biss l-intimat li kellu l-kontroll tal-vettura.

[23] Ara l-affidavit ulterjuri esebit a fol 185 tal-process

Min-naha tieghu l-intimat jikkontendi ghalkemm mhux b'mod dirett li l-attrici kellha xi relazzjoni extra-matrimonjali ma' dan l-imsemmi J tant li jsemmi lil xi terzi li skond hu rawha mieghu pero' dawn ma tressqux bhala xhieda u ghaldaqstant zgur li m'hemm ebda prova dwar xi forma ta' adulterju. Il-messagg li rceviet l-attrici ma jistax jammonta ghal adulterju, *stante* li ma tirrizulta ebda prova li l-attrici kompliet mieghu jew li tali messagg wassal ghal xi haga aktar fondata. Anzi kien l-istess intimat li jammetti li bghat il-messaggi lil dan J taht il-pretensjoni li kienet l-attrici ghaliex kien qed jagixxi ta' CID.

## DWAR IT-TALBA TAL-KURA U L-KUSTODJA TAL-ULIED

Il-Qorti tirrileva li frott taz-zwieg bejn il-partijiet twieldu zewgt ulied u cioe' D li twieldet nhar is-7 ta' Awwissu 1991[24] u P-Marie li twieldet fit-28 ta' Frar 1997[25]. *Stante* li l-istess ulied ghandhom tmintax (18) –il sena jew aktar, jirrizulta li tali talba hija *ormai* survolata u konsegwentement il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' tali talba.

## DWAR L-APPLIKAZZJONI TAL-ARTIKOLI 48 KONTRA L-INTIMAT

L-artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -
(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;
(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;
(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-Qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta'

[24] Ara c-certifikat tat-twelid taghha esebit a fol 8 tal-process

[25] Ara c-certifikat tat-twelid taghha esebit a fol 9 tal-process

waħda millpartijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;
(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.

Il-Qorti, kif diga' kellha l-opportunita' li tiddikjara aktar 'il fuq, hija moralment konvinta sal-grad rikjest mill-ligi li l-firda bejn il-partijiet hija imputabbli lill-intimat u ghaldaqstant fic-cirkustanzi tapplika fil-konfront tal-intimat l-Artikolu 48(1)(a) u 1(d) fil-konfront tieghu b'dan pero' li l-obbligu ta' manteniment da parti tieghu jkun dovut biss f'kaz li l-attrici tieqaf tahdem ghal ragunijiet li huma sufficjenti fil-ligi, liema manteniment ikun irid jigi determinat f'dak iz-zmien.

**<u>DWAR IT-TALBA GHALL-MANTENIMENT TAL-WILD P</u>**

Il-Qorti tirrileva li jirrizulta bl-aktar mod car li l-wild tal-partijiet hija llum –il gurnata maggorenni. Pero' *stante* li l-istess wild ghadha ma ghalqitx l-eta' ta' tlieta u ghoxrin sena u f'kaz li l-istess wild qieghda tistudja fuq bazi *full-time* allura f'dak il-kaz ikun dovut manteniment ghall-istess wild. F'dan l-istadju ssir referenza ghal Artikolu 3 tal-Kap 16 li jipprovdi li :-

"***Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu kemm fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja***"

ghal artikolu 3B tal-Kap 16 li jistipula illi:

"***Iz-zwieg jimponi fuq il-mizzewgin l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil ulied li jigu miz-zwieg skond il-hila, xehtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied***."

u ghal artikolu 7 (1) ta' l-istess Kap 16 jinghad li:-

"***Il-ġenituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3 B ta' dan il-Kodici."***

Ghalhekk abbazi tal-premess, jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-ligi, li l-genituri ghandhom l-istess obbligi verso l-ulied taghhom, u ghalhekk it-tnejn li huma ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija ta' l-istess, aktar u aktar meta llum il-mizzewgin huma f'pozizzjoni ta' ugwaljanza u ghandhom l-istess drittijiet u allura, anke skond l-artikolu 2 tal-Kap 16 "***jerfghu r-responsabilitajiet indaqs matul iz-zwieg taghhom***."

Illi huwa ovvju li kif ghandha tkun tali kontribuzzjoni minn kull wiehed mill-genituri, tvarja minn kaz ghal kaz, u hafna jiddependi fuq il-mezzi rispettivi u l-bzonnijiet ta' l-istess ulied, pero' xorta jibqghu veljanti u skjetti l-principji li jirregolaw l-istess dmirijiet u obbligazzjonijiet tal-genituri verso l-istess ulied.

Il-Qorti tirrileva wkoll li l-obbligu ghall-manteniment tal-ulied m'huwiex marbut bl-ebda mod mal-impjieg jew mal-introjtu tal-genituri izda huwa obbligu assolut.

Fic-cirkustanzi partikolari tal-kaz odjern fejn il-wild hija maggorenni u ma teressqux provi fuq dak li qed taghmel l-istess wild f’hajjitha, l-Qorti qieghda taqta’ u tiddeciedi billi tordna lir-rikorrenti thallas manteniment versu bintha P fl-ammont ta’ mitejn Euro (€200) fix-xahar f’kaz li l-istess wild qed tistudja fuq bazi *full-time* u ghadha tghix ma’ missierha. F’kaz li l-istess wild tghix ghal rasha u ghadha tistudja fuq bazi *full-time*, allura l-manteniment imsemmi hawn fuq ghandu jithallas kwantu ghal mitt Euro (€100) mill-attrici u kwantu ghal mitt Euro (€100) mill-intimat. Tali manteniment ghandu jibqa’ jithallas sakemm l-istess wild tieqaf tistudja fuq bazi *full-time* jew tilhaq l-eta’ ta’ tlieta u ghoxrin (23) sena, skond liema eventwalita’ ssehh l-ewwel.

## DWAR IT-TALBA TA’ MANTENIMENT GHALL-PARTIJIET

Il-Qorti tirrileva li z-zewg partijiet jiddikjaraw li jahdmu fuq bazi *full-time* u konsegwentement m’hemm ebda lok li jigi ordnat xi forma ta’ manteniment da parti ghall-ohra. Pero’ b’applikazzjoni tal-Artikolu 48(1)(d) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif wara

kollox gie dikjarat aktar 'il fuq, il-Qorti tordna li f'kaz li l-attrici ma tibqax tahdem u ghal dan ghal ragunijiet li huma sufficjenti fil-ligi, allura l-intimat ikollu l-obbligu li jmantni lil martu f'ammont li ghandu jigi deciz f'dak iz-zmien.

**DWAR IT-TALBA GHAX-XOLJIMENT TAL-KOMUNJONI TAL-AKKWISTI**

Ir-rikorrenti tikkontendi li d-dar matrimonjali u cioe' l-fond Papillon', 102, Triq il-Kartaginizi Birzebbugia (formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti) ghandu jinbiegh b'dan li r-rikavat jigi diviz bejn il-partijiet b'mod ugwali. Min-naha tieghu, l-intimat isostni li din id-dar ghandha tinqasam u ssir zewg appartamenti fejn hu jiehu l-appartament ta' fuq u r-rikorrenti tiehu l-appartament ta' isfel. Il-Qorti thoss li fic-cirkustanzi mhux ekwu li l-fond matrimonjali jinqasam f'zewg appartamenti u dan fl-ewwel lok ghaliex l-intimat minkejja li jsostni hekk ma ressaq ebda prova li fattwalment dan hu possibbli u fit-tieni lok ghaliex tenut kont tal-allegazzjonijiet li tressaq ir-rikorrenti fil-konfront tal-intimat (liema allegazzjonijiet il-Qorti thoss li huma kredibbli), z-zewg partijiet zgur li mhux ser jghixu hajja separata minn xulxin b'dik id-distanza sana li hemm bzonn li jkun hemm. Jekk isir dak li qed jissuggerixxi l-intimat, ir-rikorrenti terga' tispicca f'sitwazzjoni fejn l-intimat ikollu kull opportunita' li jghassess kull pass li taghmel ir-rikorrenti u dan zgur li mhux fl-ahjar interess ta' hadd mill-partijiet.

Ghalhekk fic-cirkustanzi l-Qorti tordna li tali dar titpogga ghall-bejgh fis-suq miftuh b'mod immedjat u mhux aktar tard minn gimghatejn minn mindu din is-sentenza tkun *res judicata* u dan ghall-prezz miftiehem bejn il-partijiet u fin-nuqqas ta' ftehim skond valutazzjoni tal-Perit Tancred Mifsud, li qed jigi nkarigat minn issa ghal dan il-ghan u dan bi spejjez ugwali taz-zewg partijiet. Il-prezz ghandu jigi rivedut kull tliet (3) snin f'kaz li ma jkunx hemm bejgh. F'kaz li jkun hemm offerta ghall-prezz hawn miftiehem bil-miktub bejn il-partijiet jew f'kaz li jkun hemm offerta ghall-prezz indikat mill-Perit hawn fuq imsemmi, dik il-parti li tipprova tostakola l-bejgh jew tonqos milli tidher fuq il-konvenju jew kuntratt ghal ragunijiet li m'humiex sufficjenti fil-ligi ghandha tigi penalizzata s-somma ta' ghoxrin

elf Euro (€20,000), liema somma ghandha titnaqqas minn dik il-parti li tkun ostakolat il-bejgh ghal xejn jew minghajr ebda raguni valida fil-ligi.

Il-Qorti, wara li qieset il-fatti u l-provi kollha migjuba quddiemha qieghda xxolji l-komunjoni tal-akkwisti u tiddividiha bil-mod segwenti:

**<u>Porzjoni A li qed tigi assenjata lill-attrici</u>**

1. Nofs il-mobbli li jinsabu fid-dar gia konjugali ad eskluzjoni tal-apparat fotografiku professjonali b'dan li l-partijiet ghandhom fl-ewwel lok (u f'kaz li ma jiftehmux mod iehor bejniethom) jaghmlu stima ta' kull oggett li jinsab fl-istess dar u jiehdu mobbli li fil-kumplessita' taghhom iwasslu ghall-istess valur u cioe' ghal nofs il-valur tal-mobbli kollha li hemm fl-istess dar kull wiehed.

2. Il-magna tal-hjata;

3. Id-djun kollha li l-partijiet ikkuntrattaw mal-qraba taghha tul is-snin;

4. Id-djun kollha illi l-attrici qatt ikkuntrattat ma' terzi minghajr il-kunsens tal-intimat.

5. Il-kontijiet bankarji u *savings plan* illi l-attrici tista' jkollha intestati f'isimha;

6. Is-somma ta' mitt Euro (€100) rapprezentanti sehem ir-rikorrenti mir-rikavat tal-Van Escrot li nbiegh mill-intimat ghas-somma ta' mitejn Euro (€200). Tali somma ghandha tithallas mill-intimat fi zmien hmistax (15) –il gurnata mid-data ta' meta din is-sentenza tkun *res judicata*.

**<u>Porzjoni B li qed tigi assenjata lill-intimat</u>**

1. Nofs il-mobbli li jinsabu fid-dar gia konjugali ad eskluzjoni tal-magna tal-hjata b'dan li l-partijiet ghandhom fl-ewwel lok (u f'kaz li ma jiftehmux mod iehor bejniethom) jaghmlu stima ta'

kull oggett li jinsab fl-istess dar u jiehdu mobbli li fil-kumplessita' taghhom iwasslu ghall-istess valur u cioe' ghal nofs il-valur tal-mobbli kollha li hemm fl-istess dar kull wiehed.

2. L-apparat fotografiku professjonali u l-apparat tal-Karaoke;

3. Il-mutur tal-Ca Hyosung;

4. Id-djun kollha li l-partijiet ikkuntrattaw mal-qraba tieghu tul is-snin;

3. Id-djun kollha illi l-intimat qatt ikkuntratta ma' terzi minghajr il-kunsens tal-attrici.

Il-Qorti tirrileva li mill-provi ma jirrizultax li hemm xi oggetti jew krediti parafernali (ghalkemm l-attrici tikkontendi li hemm is-somma ta' €4658.75 kreditu parafernali li inghata lilha qabel iz-zwieg pero' li prova tieghu ma tressqitx u konsegwentement m'hemm xejn li l-istess Qorti tista' tordna lil xi parti biex tikkonsenja lill-parti l-ohra.

**DWAR MIN GHANDU JGHIX FID-DAR MATRIMONJALI**

Il-Qorti tirrileva li hekk kif diga' gie stabbilit aktar 'il fuq, id-dar matrimonjali ghandha tinbiegh fis-suq miftuh u konsegwentement l-attrici ser tiehu s-sehem u r-rikavat li jispetta lilha mill-istess dar. Abbazi ta' dan u abbazi tal-fatt li l-attrici qatt ma talbet l-izgumbrament tal-intimat mill-istess dar b'dan li issa gie stabbilit *status quo* bejn l-istess partijiet, il-Qorti ma thossx li hu opportun li ghandu jkun hemm tibdil fir-residenzi, specjalment meta tali ordni kien ser ikollha applikabbilita' ta' zmien qasir peress li l-istess dar ser titpogga fis-suq miftuh. Il-Qorti taghmilha cara li l-kontijiet kollha relattivi ghall-istess dar, u dan minn mindu l-attrici telqet mill-istess, ghandhom jigu sapportati unikament mill-intimat minghajr ebda forma ta' rimbors da parti tal-istess rikorrenti.

**DECIDE**

Ghalhekk, ghal dawn il-motivi,  il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

[1] Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u l-ewwel talba tal-kontro-talba tal-intimat b'dan li tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet;

[2] Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti u tawtorizza lill-attrici tghix b'mod separat mill-intimat;

[3] Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba tar-rikorrenti u tat-tieni talba tal- kontro-talba *stante* li l-ulied m'humiex minorenni;

[4] Tilqa' r-raba' talba tar-rikorrenti b'dan li tapplika fil-konfront tal-intimat l-Artikolu 48(1)(a) u 48(1)(d) hekk kif ordnat aktar 'il fuq;

[5] Tichad il-hames talba tar-rikorrenti u it-tielet talba tal-kontro-talba, u tilqaghhom limitatament biss ghal dak li jirrigwarda l-manteniment tal-wild P skont kif ordnat fil-paragrafu intitolat 'Dwar it-Talba ghall-Manteniment tal-Wild P';

[6] Tichad is-sitt talba tar-rikorrenti;

[7] Tichad is-seba' talba tar-rikorrenti abbazi ta' nuqqas ta' provi;

[8] Tilqa' t-tmien talba tar-rikorrenti u r-raba' talba tal-kontro-talba u b'hekk ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet bil-mod kif spjegat fil-paragrafu msemmi 'Dwar it-Talba ghax-Xoljiment tal-Komunjoni tal-Akkwisti';

[9] Tichad id-disa' talba tar-rikorrenti;

[10] Tilqa' l-ghaxar talba tar-rikorrenti.

[11] Tilqa' l-hames talba tal-kontro-talba fis-sens li l-intimat ghandu jibqa' jghix fid-dar matrimonjali sal-bejgh tal-istess kif spjegat aktar 'il fuq f'dan il-gudikat;

Bl-ispejjez kontra l-intimat.